MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 4/2000/2

**Peter Paul Muscat f'ismu u bħala Prokuratur ta' ħutu msiefra**
**Ganni Muscat u Raymond Muscat;**
**Angela Muscat; Carmela Portelli; Pawla Sultana**
**u b'nota tat-3 ta' Frar 2010 Peter Paul Muscat**
**fil-kwalita` tieghu ta' prokuratur tal-imsiefer huh**
**Ganni Muscat assuma l-atti tal-kawza flok l-atturi**
**Carmela Portelli u Pawla Sultana**

**v.**

**Edward Borg, Charles Borg, Toni Borg,**
**Pawla mart Mario Xerri, Loreta Borg**
**u b'digriet tat-8 ta' Frar 2010**

**stante l-mewt ta’ Loreta Borg**
**l-atti gew trasfuzi f’isem Charlie Borg**
**u b'digriet tas-16 ta' Frar 2000,**
**Charles Borg gie nominat kuratur deputat**
**għall-imsiefer Marcel Borg**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Dan huwa appell *ad istanza* tal-konvenuti li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri ta’ nhar it-22 ta’ Novembru 2007 billi filwaqt li ticħad it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti kif ukoll it-talbiet fil-kontro-citazzjoni tal-istess konvenuti appellanti u dana bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

Għal intendiment aħjar ta’ dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

“Il-Qorti,

“Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

“Illi l-atturi huma proprjetarji tad-dar numru 8 Triq Papa Ljun XIII, Nadur, dari Triq il-Mitħna, liema dar tinkludi kamra konvertita f'garage li għandu bieb fuq sqaq fl-istess triq, din id-dar bil-garage hija kontigwa mad-dar numru 6 fl-istess Triq proprjeta` tal-konvenuti;

“Illi d-dar tal-atturi u dik tal-konvenuti oriġinarjament kienu dar waħda li ġiet diviża bejn tnejn bil-kuntratt ta' diviżjoni tas-6 ta' marzu 1945 atti Giuseppi Cauchi;

“Illi l-konvenuti qed jippretendu illi l-imsemmi sqar huwa proprjeta` tagħhom esklussivament u li l-atturi ma għandhomx dritt ta' aċċess fuqu u mbarraw l-bieb tal-atturi fuq dan l-isqaq billi poġġew jew ħallew karozza dilapidata

quddiem dan il-bieb u qed jimlew l-istess sqaq b'vetturi oħra biex ħadd ma jidhol fih;

“Illi l-imsemmi sqaq huwa jew proprjeta` komuni bejn dawk kollha li għandhom bibien fuqu jew tal-Gvern Civili u għalhekk l-atturi għandhom kull dritt li jagħmlu uzu minn dan l-isqaq u l-konvenuti ma għandhom ebda dritt li jimpeduhom milli jagħmlu uzu minnu;

“Illi nonostanti li l-atturi interpellaw ripetutament lill-konvenuti sabiex ineħħu l-karozza minn quddiem il-bieb tal-garage tagħhom biex ikunu jistgħu joħorġu minnu liberament dawn naqsu li neħħuha.

“Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

“1. previa occorrendo d-dikjarazzjoni li l-atturi għandhom id-dritt ta' aċċess minn fuq l-isqaq fuq imsemmi biex jidħlu u joħorġu mill-garage tagħhom liberament għat-triq pubblika;

“2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex minnufih ineħħu l-karozza li poġġew quddiem il-garage tal-atturi fis-sqaq li hemm jiftah fuq Triq Papa Leone XIII fuq imsemmi u jħallu l-istess sqaq liberu minn kwalunkwe ingombru biex l-atturi jkunu jistgħu jgħaddu minnu liberament u dana taħt dawk l-provvedimenti li jidhrilha din il-Qorti li għandha tagħti;

“3. fin-nuqqas għaliex l-atturi ma għandhomx jkunu awtorizzati li jagħmlu dak kollu li jkun neċessarju biex isir dan a spejjeż tal-konvenuti salv kwalunkwe provvedimenti li jidhrilha li għandha tagħti l-Qorti.

“Bl-ispejjeż inkluża il-VAT u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Peter Paul Muscat.

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

“1. Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi filwaqt li l-lpmvemito jaqblu mat-tieni premessa tal-attuei ma jistgħux jaqblu mal-premessi l-oħra u t-talbiet sussegwenti;

“2. Illi huwa minnu li d-dar tal-atturi u dik tal-konvenuti oriġinarjament kienu dar waħda li ġiet diviża bejn tnejn permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tas-sitta (6) ta' Marzu, 1945. Iżda l-atturi naqsu li jindikaw illi permezz ta' dak il-kuntratt kien ġie speċifikat b'mod mill-aktar ċar liema bibien kellhom jingħalqu u l-bieb imsemmi minnhom fiċ-ċitazzjoni huwa wieħed li skond l-istess kuntratt hawn fuq indikat kellu jingħalaq;

“3. Illi tant dan il-bieb kellu jingħalaq skond kif indikat fil-kuntratt hawn fuq imsemmi illi dan qatt ma ntuza mill-atturi u dan in parti huwa ammess minnhom stess fiċ-ċitazzjoni tagħhom;

“4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost il-bitħa, imsejħa saqa mill-atturi fiċ-ċitazzjoni taghhomn, hija proprjeta` privata tal-konvenuti u dan kif jirriżulta minn diversi kuntratti fosthom il-kuntratt tas-sitta (6) ta' Marzu 1945 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi u għalhekk it-talbiet tal-atturi biex din tiġi dikjarata bħala proprjeta` pubblika jew komuni għandhom jiġu mi ħuda;

“5. Illi peress li din il-bitħa hija proprjeta` privata tal-konvenuti huma jistgħu jutilizzawha kif jixtiequ u l-atturi bl-ebda mod ma jistgħu jżommhom illi fiha jpoġġu xi vetturi jew oġġetti oħra kif qed jippretendu li jagħmlu permezz taċ-ċitazzjoni minnhom intavolata;

“6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat il-kontro-ċitazzjoni tal-konvenuti, fejn wara li ppremettew illi:

“1. illi d-dar tal-atturi u dik tal-konvenuti oriġinarjament kienu dar waħda li ġew diviżi permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tas-sitta (6) ta' Marzu, 1945;

“2. illi l-bitħa attigwa għall-proprjeta` indikata hawn fuq hija proprjeta` esklussiva tal-konvenuti Borg u dan kif jirriżulta minn diversi kuntratti fosthom dak hawn fuq indikat;

“3. illi permezz tal-istess kuntratt l-atturi, ċioe` konvenuti f'din il-kontro-ċitazzjoni, kellhom jgħalqu numru ta' bibien fosthom il-bieb li jagħti għal fuq il-bitħa, minnhom imsejħa sqaq, liema bitħa hija attigwa għal proprjeta` tal-aħwa Borg;

“4. illi nonostante dan il-kuntratt l-aħwa Muscat ħallew bieb li jagħti għal fuq il-bitħa li hija proprjeta` tal-konvenuti Borg;

“5. illi dan l-istess bieb qatt ma ntuża mill-atturi u dan huwa ammess ukoll in parti minnhom stess fiċ-ċitazzjoni minnhom ippreżentata;

“6. illi l-aċċess tal-atturi għall-proprjeta` tagħhom huma minn bibien li jagħtu fuq Triq Papa Ljun XIII qabel Triq il-Mitħna;

“7. illi l-atturi għalkemm interpelalti diversi drabi biex jgħalqu dan il-bieb baqgħu inadempjenti.

“Talbu lil-atturi jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara illi l-bitħa attigwa għall-fond tal-konvenuti hija proprjeta` esklussiva tagħhom;

“2. Tiddikjara illi l-bieb li mill-proprjeta` tal-atturi jagħti għal fuq parti mill-bitħa tal-konvenuti ġie miftuħ b'mod illegali;

“3. Tikkundanna lill-atturi biex jghalqu dan il-bieb fi żmien li jiġi mogħti lilhom minn din l-Onorabbli Qorti;

“4. fin-nuqqas tawtoriazza lill-konvenuti sabiex jagħmlu dawk ix-xogħlijiet neċessarji biex isir dan a spejjeż tal-

atturi u salv kwalunkwe provedimenti li jidhrilha li għandha tagħti din l-Onorabbli Qorti.

"Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-atturi għas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti maħlufa minn Charles Borg.

"Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Gunju 2000 li bih innominat lill-avukat Dottor Philip Bianchi bħala espert legali sabiex jieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

"Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' April 2007 fejn irrevokat l-inkarigu tal-perit legali.

"Rat il-verbal tagħha tal-istess ġurnata fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

"Rat il-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

"Rat in-noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

"Ikkunsidrat:

"Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu li l-konvenuti jiġu ordnati jneħħu karozza qadima li qed isservi ta' ostakolu sabiex huma ma jkunux jistgħu jaċċedu ġewwa garage illi għandhom fi sqaq li jinfed ma' Triq Papa Ljun XIII, dari Trejqa tal-Mitħna, n-Nadur, Għawdex. Il-konvenuti qed jopponu għal din it-talba għax jikkontendu illi l-isqaq fejn hemm dan il-garage huwa proprjeta` tagħhom, u l-bieb tiegħu kien infetaħ miz-zijiet tal-konvenuti mingħajr il-kunsens tagħhom. Infatti fil-kontro-ċitazzjoni tagħhom l-istess konvenuti jitolbu li l-atturi jiġi mġegħla jgħalqu dan il-bieb.

"Billi l-konvenuti qed jikkontendu illi dan l-isqaq ossia fetħa hija proprjeta` tagħhom, l-ewwel ħaġa li trid tiġi nvestigata hija kemm tassew hija minnha din il-pretensjoni. Huma

jistrieħu l-aktar fuq id-deskrizzjoni li kienet ingħatat f'kuntratt ta' diviżjoni,[1] li permezz tiegħu lin-nannu tagħhom, Paolo Borg, kienet ġiet assenjata parti diviża mid-dar, dari mitħna antika,[2] illum proprjeta` tagħhom, u li għandha l-aċċess tagħha minn dan l-isqaq, u lill-Kanonku Carmelo Falzon, l-aventi kawża tal-atturi preżenti, parti diviża ożra mill-istess dar. F'dak il-kuntratt kien ingħad illi lil Kanonku Falzon messitu t-tieni porzjoni li tikkomprendi:

"*Fit-terran ikollha l-kamra li fiha bieb għal l-isqaq magħluq bil-ġebel, il-passaġġ bil-kċina li huma wara din il-kamra, it-taraġ biż-żewġ kmamar li għandhom bibien għall-bitħa; il-bitħa, biż-żewġ kamrini, bl-ispiera u bil-kamra li hija imħaffra fil-blat (kantina), u biċċa mil-mandretta li jkun fiha ċirka tliet kejliet … tikkonfina* ***fit-tramuntana mas-sqaq u mal-porzjoni ta' Pawlu Borg****, fil-punent ma Triq Privata u fil-lvant mal-porzjon ta' Pawlu Borg*." [3]

“Dan għalihom ma jistax ma jfissirx għajr illi l-isqaq kien ġie assenjat lil Paolo Borg, u allura llum huwa tagħhom, billi missierhom kien akkwista mingħand ħutu l-isħma tagħhom minn din id-dar. In sostenn tat-tezi tagħhom huma jirreferu wkoll għax-xhieda prodotti f'din il-kawża minn fejn irriżulta illi dan il-bieb tal-garage kien infetaħ minn Frangisk Muscat, ftit wara li hu flimkien ma ħutu kien akkwista l-post li kien mess lill-Kanonku Falzon fl-1956, biex ikun jista' jdaħħal il-karrettun tiegħu. Dik il-ħabta missier il-konvenuti kien imsiefer bil-familja. Flok dan il-bieb qabel kien hemm biss velestrun u bieb imbarrat bil-ġebel, u l-bieb tal-garage sar usa mill-wisgħa tal-velestrun.[4] Malli missier il-konvenuti rritorna mis-safar huwa oppona għal dak li kien sar, u biex ma jippermettix illi ta' Muscat jagħmlu użu minn dan l-aċċess sabiex jidħlu fil-garage tagħhom, poġġa l-karozza in kwistjoni w oġġetti oħra quddiem dan il-bieb. Di piu' sakemm ġiet intavolata

1 Dok. III anness man-nota spjegattiva tal-atturi tal-14 ta' Gunju 2001: kopja ta' kuntratt in atti Nutar Giuseppi Cauchi tas-6 ta' Marzu 1945 a fol. 53 - 56 tal-process. .
2 Ara pjanta a fol. 205 .
3 Dok. A anness mal-kuntratt ta' diviżjoni tas-6.3.1945 a fol. 57 .
4 ara ritratt ta' dan il-garage a fol. 79. .

din il-kawża ħadd ma kien ħa ebda passi kontrihom sabiex ineħħu dawn l-ostakoli.[5]

“Billi l-konvenuti mhumiex qed jeċċepixxu illi l-isqaq in kwistjoni sar tagħhom bil-preskrizzjoni, kwalunkwe inazzjoni da parti tal-atturi għaż-żmien kollu preskritt mil-liġi ma tista' tagħmel ebda differenza għall-akkwist tat-titolu tagħhom fuq l-istess sqaq. Kif ġia spjegat, huma qed jgħidu illi l-istess kuntratt ta' diviżjoni tal-1945 jindika illi l-isqaq ġie assenjat lil Paolo Borg, għax f'dak il-kuntratt, ir-riħ tat-tramuntana tal-parti li messet lill-Kanonku Falzon, tingħata bħala li in parti tmiss mal-beni ta' Paolo Borg. Madankollu qari akkurat tad-deskrizzjonijiet mogħtija taż-żewġ partijiet tad-dar in diviżjoni, kif maqsuma b'dak il-kuntratt, jagħti interpretazzjoni ferm differenti. Dan għaliex anke l-porzjon li messet lil Paolo Borg, mit-tramuntana kienet tmiss in parti ma' l-isqaq, in parti ma' beni ta' ħaddieħor u in parti mal-bitħa li messet lill-Kanonku Falzon.[6] Jidher għalhekk illi l-qasma ma saritx bi dritt minn barra sa ġewwa, imma kien hemm partijiet mill-ewwel porzjon li ġew wara partijiet mit-tieni porzjon u vice versa.

“Aktar minn hekk pero` irriżulta inekwivokament mill-istess kuntratt ta' diviżjoni illi dan l-isqaq qatt ma ġie trasferit la lil naħa u lanqas lill-oħra. Mill-pjan ta' qasma fuq l-istess kuntratt tal-1945 intqal li kienet ser issir: "Qasma tad-dar li qegħda in-Nadur, Għawdex, fi Triq Privata, numri 5 u 6 b'mandretta magħha minn-naħa ta' nofsinhar ta' ċirka sigħajn u ħames kejliet u nofs u kollox **imiss tramunata ma sqaq u ma' beni ta' oħrajn**, jew aħjar ma' beni ta' werrieta ta' Anglu Tabone, punent ma' Triq Privata, nofsinhar beni ta' Pawlu Grech u ma beni ta' oħrajn, lvant ma beni tal-werrieta ta' Angelo Tabone u ma' beni tal-werrieta ta' Pawlu Gatt." [7] Għalhekk ġialadarba l-fond għall-qasma ġie deskritt bħala li mit-tramunata jmiss *inter alia* ma' l-isqaq, ma jistax ikun li xi ħadd mill-kondividenti messu xi parti mill-istess sqaq f'din id-diviżjoni. L-atturi

[5] ara verbali tax-xhieda kollha li nstemgħu mill-perit legali .
[6] ara deskrizzjoni a fol. 57 .
[7] ara l-ewel paragrafu tad-Dokument A anness mal-kuntratt ta' diviżjoni tal-1945 .

esebew ukoll diversi kuntratti oħra sabiex jippruvaw illi sa minn meta saret l-ewwel qasma tal-mitħna li oriġinarjament kien hemm flok dawn iż-żewġ fondi, l-isqaq ta' quddiemha baqa' qatt ma reġa' ġie trasferit lil ħadd mill-akkwirenti, tant illi l-kuntratti sussegwenti baqgħu dejjem jagħtu bħala r-riħ tat-tramuntana l-istess sqaq u beni ta' terzi.[8]

"Għaldaqstant, billi l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw sodisfaċentement illi huma għandhom xi titolu fuq l-isqaq in kwistjoni, ma għandhom ebda dritt jostakolaw l-aċċess illi għandhom l-atturi għall-garage tagħhom li jagħti għal fuq l-istess sqaq, biex minn hemm jgħaddu għat-triq pubblika. Għall-istess raġuni, lanqas ma jistgħu jkunu ġustifikati l-konvenuti fit-talba tagħhom li jingħalaq il-bieb ta' dan il-garage.

"Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża:

"A. **Fir-rigward taċ-ċitazzjoni** billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u:

"1. tiddikjara illi l-atturi għandhom id-dritt ta' aċċess minn fuq l-isqaq li jagħti għal fuq Triq Papa Ljun XIII, in-Nadur, Għawdex, biex jidħlu u joħorġu mill-garage taghhom fl-istess sqaq liberment ghat-triq pubblika;

"2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex minnufih ineħħu l-karozza li poġġew quddiem l-istess garage, u jħalluh liberu minn kwalunkwe ingombru biex l-atturi jkunu jistgħu jgħaddu minnu liberament; u

"3. fin-nuqqas li jagħmlu dan fi żmien ġimgħa mil-lum, l-atturi jkunu awtorizzati jagħmlu huma dak kollu li jkun neċessarju biex isir dan a spejjeż tal-konvenuti.

"B. **Rigward il-kontro-ċitazzjoni** billi tiċħad it-talbiet tal-konvenuti.

---

[8] ara kopji tal-kuntratti esebiti flimkien man-Nota tal-atturi tal-4.6.2001 u man-Nota tal-Ossevazzjoniijiet tagħhom tat-13.4.2005

“Bl-ispejjeż, sew taċ-ċitazzjoni kif ukoll tal-kontro-talba, kontra l-konvenuti.

**Rikors tal-appell tal-konvenuti**

Il-konventi ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u interponew appell minnha.

**L-aggravju tagħhom** huwa bażikament wieħed: li l-ewwel Qorti kienet żbaljata fl-interpretazzjoni tagħha tal-kuntratt ta’ diviżjoni. L-ewwel Qorti, fir-rigward tal-kuntratt tal-1945 li permezz tiegħu ġiet diviża d-dar irriteniet li *“ma jistax ikun li xi ħadd mill-kondividenti messu xi parti mill-istess sqaq f’din id-diviżjoni*”. L-appellanti ma jaqblux ma din il-konklużjoni għaliex skont huma, il-kuntratt ta’ diviżjoni u l-kundizzjonijiet magħmula fl-istess att juru li l-isqaq in kwistjoni ġie fil-fatt assenjat lilhom. L-appellanti f’dan l-istadju tal-appell qed jeccepixxu l-**preskrizzjoni estintiva trentennali** a bażi tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili. Huma jsostnu li kienu huma biss li matul iż-żmien għamlu użu esklussiv ta’ dan l-hekk imsejjaħ sqaq bħala l-proprjeta` esklussiva tagħhom u tali pretensjonijiet kienu vantati bl-aktar mod car u qatt ħadd ma vvanta u/jew ippretenda drittijiet fuq l-istess art.

**Risposta tal-atturi appellati għar-rikors tal-appell tal-konvenuti**

L-appellati da parti tagħhom jinsistu li s-sentenza appellata hija ġusta u korretta u timmerita li tiġi kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

Fil-fehma tagħhom il-kuntratti huma cari u ma jagħtu lok għal ebda dubju li l-ispazju ossia sqaq mhux proprjeta` tal-konvenuti. Huma jsostnu li l-ispazju (sqaq) quddiem id-dar tagħhom u tal-appellanti huwa fil-fatt spażju pubbliku flimkien ma’ Triq Papa Ljun XXI. Jgħidu pero` li anke kieku għall-grazzja tal-argument l-isqaq kien fil-fatt proprjeta` tal-konvenuti, l-istess ma kellhom l-ebda dritt li jinbarraw il-bieb tad-dar tal-atturi.

Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-appellati baqgħu siekta.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-appellanti jsostnu li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li fid-diviżjoni tad-dar permezz tal-kuntratt tas-6 ta' Marzu 1945 ħadd mill-kondividenti ma messu xi parti mill-isqaq. Jinsistu li qari iktar akkurat tal-kuntratt u tal-kundizzjonjiet li l-partijiet għamlu fl-istess att juri li l-isqaq mess proprju lil nannuhom Paolo Borg. Huma fl-ewwel lok jispjegaw li fis-sehem tal-mitħna li ġie assenjat lil Paolo Borg jissemma "maħżen" li għandu "bitħa" adjacenti għalih. Jissottomettu li din il-"bitħa" ma tinstab imkien fil-proprjeta` kollha u għalhekk skont huma din il-"bitħa" hija proprju l-"isqaq" in kwistjoni. Jirreferu wkoll għall-qisien tal-isqaq u jgħidu li l-konfigurazzjoni hija iktar ta' bitħa milli ta' sqaq peress li hemm wisgħa ta' mill-inqas 20 pied u ma hemmx ħafna fond, u għalhekk jibqgħu jinsistu li r-referenza għall-"bitħa" fil-kuntratt tad-diviżjoni hija referenza għall-"isqaq".

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa d-dokument esebit a fol 57-58 tal-process li jiddeskrivi l-qasma tad-dar/mitħna. Il-porzjoni li ġiet assenjata lil Paolo Borg, tikkonsisti "*Fit-terran il-kamra u il-maħżen bil-bibien tagħhom għall-isqaq immarkati bin-numri 5 u 6, il-bitħa li hija adjacenti ma dan il-maħżen biż-żewġ kamrini u bitħa oħra żgħira, il-ġiebja tal-ilma u bicca mil-mandretta li jkun fiha cirka keltejn u nofs u il-fossa tad-WC li hemm fl-isqaq*". Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanti qed isostnu li l-bitħa imsemmija bħala li hija adjacenti mal-maħżen hija propju l-isqaq meta bħala deskrizzjoni ta' dak li hemm fit-terran tissemma mhux biss il-bitħa imma ukoll l-isqaq. Issir hawn riferenza wkoll ghall-pjanta tal-mitħna a fol 205. Din hija il-pjanta li kienet ġiet annessa ma' l-applikazzjoni għall-permess li kien issottometta lid-Dipartiment tas-Saħħa Antonio Scicluna fid-19 ta' Awwissu 1901 (fol. 204) biex jiġi awtorizzat jesegwixxi xi kostruzzjonijiet fid-dar in kwistjoni. Minn din il-pjanta jirriżulta li fil-fatt kien hemm bitħa adjacenti għall-maħżen (b'żewġ kamrini) u li dan il-maħzen kellu bieb għal fuq il-bitħa u bieb ieħor għal fuq "strada privata". Għalkemm l-appellanti jargumentaw

li din il-bitħa ma tidher imkien certament li xi darba kienet teżisti.

Di piu` l-istess dokument li jiddeskrivi l-qasma tad-dar/mitħna, jiddeskrivi l-konfini tal-porzjoni li ġiet assenjata lil Borg hekk: "*Din il-porzjoni tikkonfina fit-tramuntana in parti mas-sqaq u in parti ma' beni ta' ħaddieħor u in parti mal-bitħa tal-porzjoni li tkun assenjata lir-Rev Kanoniku C Falzon, fil-ponent mal-porzjoni tar-Reverendu Falzon, u fin-nofsinhar in parti ma' beni ta' ħaddieħor u in parti mal-mandretta (li trid issir ix-xorti tagħha)*". Hawnhekk terġa' tfalli t-teżi tal-appellanti li l-isqaq mertu tal-kawża odjerna huwa effettivament il-bitħa adjacenti mal-maħżen: li kieku l-"isqaq" imsemmi fil-qasma kien proprju din il-"bitħa", kif allura l-porzjoni kollha assenjata lil Paolo Borg tikkonfina mit-tramuntana "in parti mas-sqaq"?

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li permezz tal-kuntratt tad-diviżjoni tal-1945 jirriżulta li la Paolo Borg (in-nannu tal-konvenuti appellanti) u lanqas il-Kanonku Carmelo Falzon (l-aventi kawża tal-atturi appellati) ma messithom xi parti mill-isqaq. Fil-fatt għalkemm l-Avukat Dr Giuseppe Bartolo u Dun Frangisk Scicluna[9] kellhom bejniethom il-proprjeta` tal-mitħna u tal-isqaq u anke parti mit-triq privata li llum saret triq pubblika (Triq Papa Ljun) jirriżulta li l-kuntratti sussegwenti ta' trasferimenti u ta' diviżjoni ma jagħmlux referenza għal dawn it-toroq, anzi jissemmew bħala rjiħat. Certament

---

[9] Oriġinarjament l-aħwa Michelangelo Grima u Maria, mart Giuseppe Scicluna kellhom il-proprjeta` tad-dar/mitħna u ukoll l-isqaq u bicca mit-triq privata li llum hija triq Papa Ljun. Fil-fatt meta fit-28 ta' Mejju 1904 l-eredi ta' Michelangelo Grima biegħu lil Antonio Scicluna (wieħed mit-tfal ta' Giuseppe u Maria Scicluna) is-sehem tagħhom ta' nofs indiviż tal-mitħna, inkludew ukoll fid-deskrizzjoni tal-post "***una piazzetta congiunta alla faccata di ditto luogo di case ed una porzione di detta strada privata…***" (fol 168). Antonio Scicluna, għalhekk barra l-1/6 li kellu mid-dar bħaż-żewġ ħutu l-oħra Dun Franġisk Scicluna u Carmela Scicluna, kellu ukoll ½. Meta mietet Carmela Scicluna hija ħalliet is-sehem tagħha ta' 1/6 lil ħutha Antonio Scicluna u Dun Franġisk Scicluna u ukoll lit-tifel ta' oħtha l-mejta, Vincenza, li kien l-Avukat Giuseppe Bartolo. Għalhekk ġie li Antonio Scicluna kellu 13/18, Dun Franġisk kellu 4/18 u l-Avukat Giuseppe Bartolo kellu 1/18. Wara l-mewt ta' Antonio Scicluna s-sehem tiegħu intiret mill-Avukat Bartolo u Dun Franġisk u **għalhekk ġie li l-Avukat Giuseppe Bartolo spicca b' 15/36 (5/12) u Dun Franġisk Scicluna spicca b' 21/36 (7/12).** Dawn il-kwoti jirriżultaw mir-rapport tal-Perit Carmelo Attard (fol 185 et seq) fl-atti *"Archiprete Don Giuseppe Cassar noe vs Avvocato Dr Giuseppe Bartolo ed..."* kawża li kienet saret mill-Arcipriet Cassar bħala esekutur testamentarju tal-Kanonku Scicluna kontra l-Avukat Bartolo biex issir id-diviżjoni tas-sehem ta' Scicluna u Bartolo.

allura li l-isqaq jew daħla jew "piazzetta" ma ġiex trasferit lill-konvenuti appellanti, kif pretiz minnhom.

L-appellanti fl-aħħar parti tal-aggravju tagħhom jargumentaw ukoll li l-mod kif ġew eliminati diversi servitujiet għal fuq dan l-isqaq (li qed isejħulu bitħa) ikompli jindika li dan l-isqaq ġie assenjat lilhom. Huma jsemmu (a) il-bieb mertu ta' din il-kawża li kien imbarrat bil-ġebel u (b) t-tneħħija tal-katusi tal-ilma u t-taqlib tal-bjut.

Fir-rigward tal-bieb jgħidu li kien magħluq bil-ġebel u li nfetaħ ferm iktar tard meta l-konvenuti kienu imsifrin. Harsa lejn il-pjanta tal-1901 (imsemmija fuq) tindika li l-faccata tal-mitħna oriġinarjament kellha tlett bibien jagħtu għal fuq dan is-sqaq jew daħla. Issa fiż-żmien tad-diviżjoni (1945) jidher li wieħed mill-bibien kien diġa magħluq peress li mid-dokument li jiddeskrivi l-pjan tal-qasma jirriżulta li Pawlu Borg messitu dik il-parti li tinkludi żewġ bibien għal fuq l-isqaq filwaqt li l-Kanonku Falzon messitu dik il-parti li tinkludi kamra li fiha bieb għall-isqaq li kien imbarrat bil-ġebel.

Għalhekk il-kuntratt ta' diviżjoni jipprovdi hekk: "*Billi permezz ta' din il-qasma il-Kanonku Falzon ma messu l-ebda bieb miftuħ għal barra il-kondividenti jiftehmu illi l-Kanonku Falzon jagħmel ħiltu biex mill-iktar fis li jista' huwa jiftaħ bieb, b' bieb tal-injam fih, biex ikun jista' jidħol minnu u sakemm jinfetaħ u jsir dan il-bieb il-kondividenti jiftehmu illi l-imfietaħ tal-bibien ta' barra li messu lill-kondivident Borg jiġu depożitati għand persuna li jidhrilhom sewwa lilhom kondividenti u l-ebda kondivident ma jkun jista' jieħu dawna l-imfietaħ biex jidħol fil-bini u raba maqsum mingħajr il-kunsens tal-kondivident l-ieħor…".* Ma ġiex specifikat jekk il-bieb li kellu jinfetaħ kienx dak li kien imbarrat bil-ġebel (li jagħti għal fuq l-isqaq) jew kellux ikun bieb ieħor għal fuq it-triq li llum hija Triq Papa Ljun. Pero` certament li wieħed m'għandux jifhem li l-bieb li jagħti għall-isqaq ġie imbarrat bil-ġebel bħala tneħħija ta' xi servitu` minn fuq l-isqaq li skont l-appellati ġie assenjat lilhom.

Veru li fid-diviżjoni sar ftehim li bejn iż-żewġ porzjonijiet ma kellu jkun hemm l-ebda servituijiet iżda jekk sar xaqlib tal-bjut għal ġol-proprjeta` tal-appellati u t-tneħħew katusi minn mal-faccata, dan bl-ebda mod ma jikkonferma t-teżi tal-appellanti li l-isqaq ġie assenjat lilhom. Jibqa' l-fatt li l-isqaq (li diġa stabbilixxejna li huwa indipendenti mill-bitħa) ġie deskritt specifikatament bħala riħ tal-konfini u għalhekk l-ebda argument ma jista' jwassal biex wieħed b' xi mod jikkonkludi li l-istess sqaq ġie assenjat lil xi wieħed miż-żewġ kondividenti.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva

L-appellanti jagħmlu riferenza għall-kumment tal-ewwel Qorti meta qalet li: "*Billi l-konvenuti mhumiex qed jeccepixxu illi l-isqaq in kwistjoni sar tagħhom bil-preskrizzjoni, kwalunkwe inazzjoni da parti tal-atturi għaż-żmien kollu preskritt mil-liġi ma tista' tagħmel ebda differenza għall-akkwist tat-titolu tagħhom fuq l-istess sqaq*"*.* Jidher li hawnhekk l-ewwel Qorti kienet qed taccenna għall-**preskrizzjoni akkwiżittiva** ta' tletin sena, li possibilment setgħet tiġi applikata favur il-konvenuti.

(Ovvjament biex jiġi stabbilit li l-konvenuti odjerni effettivament **akkwistaw** il-proprjeta` tal-isqaq bil-preskrizzjoni ta' tletin sena kien ikollhom jippruvaw mhux biss li ddekorra z-zmien stabbilit bil-ligi, imma wkoll l-elementi kollha li l-ligi tesiġi li jigu ppruvati biex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva tirnexxi[10], u wkoll f'dan il-każ, li l-isqaq ma sarx proprjeta` tal-Gvern, peress li kontra l-Gvern ma tistax tiġi invokata l-preskrizzjoni ħlief f'każijiet specifikatament imsemmija[11]. Fil-każ in kwistjoni

[10] Artikolu 2107(1): Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi".

[11] Artikolu 2115:

(1) Il-preskrizzjoni tolqot il-jeddijiet u l-azzjonijiet li jmissu lil kull persuna, istitut, jew korp morali, bla distinzjoni, kif ukoll il-beni suġġetti għal fedekommess.

(2) Iżda, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ta' Malta, ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 2149, 2153, 2154, 2155, u 2156.

mhux car jekk l-isqaq sarx tal-Gvern jew le: jista’ jkun li huwa tal-eredi tal-Avukat Giuseppe Bartolo u tal-Kanonku Franġisk Scicluna – jekk kellhom eredi. Fin-nuqqas ta’ xi eredi il-wirt ta’ dawn il-persuni imur favur il-Gvern.)

Issa, jidher li kif l-appellanti raw li l-ewwel Qorti semmiet il-preskrizzjoni fis-sentenza dehrilhom opportun li jissollevaw il-preskrizzjoni fir-rikors tal-appell. Il-preskrizzjoni sollevata hija specifikatament dik **estintiva trentennali** taħt l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili:
"*L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista’ ssir minabba n-nuqqas ta’ titolu jew ta’ bona fidi*."

L-appellanti jsostnu li mill-provi jirriżulta car li għal iktar mit-tletin sena rikjesti mil-liġi għall-preskrizzjoni estintiva trentennali kienu huma biss li għamlu użu esklussiv tal-isqaq (li huma jsejħulu daħla/bitħa/spazju) bħala proprjeta` tagħhom bl-aktar mod car u li ħadd ma ppretenda jew ivvanta xi drittijiet fuq l-istess art. Għalhekk fil-fehma tagħhom għandhom kull raġuni li jitolbu li dan l-isqaq huwa proprjeta` esklussiva tagħhom permezz tal-**preskrizzjoni estintiva trentennali**.

L-appellanti għamluha cara li dak li qegħdin jeccipixxu abbażi tal-Artikolu 2143 hija specifikament il-**preskrizzjoni estintiva trentennali**. Fi kliem iehor huma qegħdin jgħidu li l-azzjoni li l-atturi (appellati) għamlu ma tistax tirnexxi għax hija estinta u preskritta ai termini tal-Artikolu 2143. Jekk jiġi ppruvat li effettivament l-atturi damu iktar minn tletin sena biex għamlu din l-azzjoni, allura din l-eccezzjoni tkun fondata; <u>pero` dan ma jfissirx ukoll</u>, kif donnhom qegħdin jippretendu l-appellanti, li allura huma għandhom il-proprjeta` esklussiva tal-isqaq. Huma m’humiex qegħdin jeccepixxu l-preskrizzjoni akkwiżittiva tal-proprjeta`, l-użukapjoni, iżda l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni tal-atturi appellati. Fil-fatt il-frazi "**preskrizzjoni estintiva trentennali**" tidher diversi drabi fir-rikors tal-appell tagħhom.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża **Josianne Sciberras v. Giovanni Vella et**, mogħtija fil- 21 ta' Frar 1996, irriteniet li hemm *"…distinzjoni elementari bejn il-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni u l-preskrizzjoni akkwizittiva tal-proprjeta`. Filwaqt li fl-ewwel kaz min jaghti l-eccezzjoni jehtieġlu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli, jkun imbagħad jispetta lill-attur kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jagħzel it-triq u l-mezz li taghtih il-liġi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni, fit-tieni kaz tal-preskrizzjoni akkwizittiva jispetta lill-konvenut debitur mhux biss li jipprova l-perkors taz-zmien stabbilit bil-ligi, imma wkoll l-elementi kollha li l-ligi tesiġi li jigu ppruvati biex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwiżittiva tinghata b'success*."

Biex tirnexxi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva trentennali sollevata mill-appellanti, dak li jrid jiġi ppruvat mhuwiex il-pussess *ad usucapionem* tal-isqaq da parti tal-appellanti, iżda invece li sad-data tac-citazzjoni (jigifieri t-13 ta' Jannar 2000) l-access mill-bieb/garaxx tal-atturi appellati kien ilu jiġi ostakolat mill-appellanti għal tletin sena jew aktar.

<u>Xhieda tal-atturi appellati:</u>

L-attur <u>Peter Paul Muscat</u> fit-8 ta' Awwissu 2000 xehed li meta ż-żijiet tiegħu Franġisk u Maria Muscat kienu ħajjin fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet "*hemmhekk kien ikun clear għax iz-zija Maria kienet tagħmel rapporti lill-pulizija biex ma jitħalla xejn quddiem il-bieb u għalhekk kien jitħalla vojt. Dan kien fis-snin 1970s u 1980s. U imbagħad mietu z-zijiet u l-konvenuti bdew jagħmlu l-ostakoli*." Peter Paul Muscat xehed ukoll li jiftakar lil zijuh jipparkja ż-żiemel tiegħu quddiem il-bieb. Dwar il-karozza li qegħda timblokka l-bieb preżentement, jgħid li din ilha hemm seba' snin. Kontro-eżaminat fil-11 ta' Dicembru 2003, huwa xehed li r-rapporti lill-pulizija kienu saru fit-tmeninijiet u wara r-rapporti il-post kien jitħalla vojt.

L-attrici Carmen Portelli xehdet li meta hi u ħutha xtraw il-post fit-8 ta’ Ġunju 1956 kienu marru joqgħodu fih. Ħuha Franġisk Muscat kien wessa’ l-bieb li jagħti għal fuq l-isqaq minn wisgħa ta’ bieb ta’ dar għal wisgħa ta’ bieb ta’ garaxx. Hija tispjega li għalkemm wara xi sena li għamlet toqgħod fil-post iżżewġet u siefret, kienet irritornat wara għaxar snin u għalkemm marret toqgħod San Blas kienet tmur tara lil ħutha. Tgħid li “*Qatt ma kellna problemi man-nanniet tal-konvenuti Borg. Il-garaxx baqa’ jintuża minn ħuti sakemm damu hemm u anzi sakemm mietu u qatt ma nqalgħu kwistjonijiet*”. Kontro-eżaminata hija qalet li kienet taf li oħtha Maria kienet tagħmel rapporti lill-pulizija kontra ta’ Borg. “*Ir-rapporti kienu jsiru għax kienu jitħallew karozzi quddiem il-bieb – qisu kien tagħhom. Bil-karozzi quddiem il-garage il-bieb tal-garage ma setax jinfetaħ. Kienu ilhom iħallu l-karozzi quddiem il-bieb minn mindu xtrajnih*”.

L-attrici Paola Sultana ikkonfermat li, ftit wara li xtraw il-post, ħuha Franġisk kien wessa’ l-bieb li għandhom jagħti fuq l-isqaq. Xehdet li kienet tmur għand ommha u ħutha hemmhekk u li “*Naf li l-garage kien ikun imblukkat bil-karozzi u għadu hekk sa llum. Kien ikun imblukkat b’ karozzi, injam u ħafna imbarazz. U dan ilhom jagħmlu hekk għax għamluh tagħhom*.” Qalet ukoll li meta kien hemm in-nanniet tal-konvenuti ma kienx jinqala’ inkwiet. Kien wara li ġew il-konvenuti “*u cioe` missierhom u ommhom u l-konvenuti li nqala’ l-inkwiet magħna*”.

Ezami tax-xhieda tal-konvenuti appellanti

Il-konvenuta Paola Xerri, li meta xehdet fit-22 ta’ Jannar 2004 kellha 54 sena, xehdet li qabel ma siefru, huma biss kienu jagħmlu użu minn dak l-isqaq. Kontro-eżaminata qalet li siefru fl-1956 u li hija rritornat fl-1970. Il-ġenituri tagħha rritornaw Malta fl-1974. Tiftakar li meta kellha sitt snin (is-sena li telqu minn Għawdex) il-bieb tal-atturi kien imbarrat bil-ġebel Tgħid li meta ġew lura mill-Ingilterra missierha kien oppona meta ra li kien miftuħ u qal lill-aħwa Muscat biex jerġgħu jagħlquh. Meta ra li ma tawx każ poġġa vettura u injam quddiem il-bieb biex ma jkunx jista’ jinfetaħ.

Il-konvenut Anthony Borg, li twieled fl-1965 xehed li għalkemm twieled Cardiff, ta' erba' snin il-familja tiegħu ġew joqgħodu Għawdex u għalhekk minn żgħir jiftakar l-ambjenti in kwistjoni. Jgħid li kienu ta' kuljum jilagħbu f'dan l-isqaq, li hu jsejjaħlu "daħla" u "drive-way" u "bitħa". Isostni li l-familja tiegħu biss kienu jagħmlu użu minnu. Xehed ukoll li xi darba jew darbtejn kienu ġew il-pulizija fuq il-post wara xi rapporti li kienu saru "*naħseb rapport min-naħa tal-atturi*" u li "*wara li kien jiġi l-pulizija kollox kien jibqa' kif kien mingħajr ma r-rapporti jitmexxew biex ineħħu l-affarijiet minn hemm*".

Il-konvenut Mario Xerri (li jiġi r-raġel ta' Paola Xerri) xehed li ilu jaf l-inħawi sa minn meta tgħarras lil Paola. Huma żżewġu fl-1971 u kienu ilhom għarajjes xi sena. Xehed li wara li żżewġu, ta' Borg reġgħu marru l-Ingilterra bil-familja kollha iżda wara ftit snin reġgħu irritornaw. Qal ukoll li ma jiftakar lil ħadd jagħmel użu mill-isqaq (jew daħla) apparti mill-familja ta' martu. Dwar il-bieb tal-atturi li jagħti fuq l-isqaq, jgħid li dejjem jafu magħluq u qatt ma rah miftuħ għax dejjem imbarrat bil-vetturi li ħatnu kien ġab mill-Ingilterra.

Il-konvenut Carmel Borg xehed li fl-1969 il-familja tiegħu irritornaw mill-Intilterra meta huwa kellu 15-il sena. Missieru kien jipparkja l-vetturi li ġab mill-Ingilterra fl-isqaq u waħda mill-vetturi kienet quddiem il-bieb tal-atturi. Jispjega li meta Maria Muscat saqsiethom biex iressqu l-vettura missieru qalilha biex jerġgħu jagħlqu l-bieb kif kien u baqa ma ressaqx il-vettura minn quddiem il-bieb.

Ix-xhieda ta' Salvatore Galea, prodott mill-konvenuti, u li huma tant jisħqu fuq ix-xhieda tiegħu, mhix ta' rilevanza għall-finijiet tal-preskrizzjoni estintiva trentennali eccepita minnhom peress li hu stess jgħid li siefer ta' sittax-il sena fl-1952 "*u minn dak iż-żmien ma naf xejn iżjed dwar il-fond u l-post*".

Jirriżulta inoltre mill-provi prodotti li l-konflitti bejn il-kontendenti dwar dan il-bieb li jagħti għal fuq l-isqaq u l-access pretiż mill-atturi jmorru lura ħafna snin. Dak li jrid

jiġi stabbilit għall-finijiet tal-preskrizzjoni estintiva trentennali huwa eżattament **kemm**-il sena: Sa minn meta ġew il-konvenuti u l-ġenituri tagħhom mill-Ingilterra, jew aktar lura minn hekk?

L-attrici <u>Carmen Portelli</u> xehdet li l-konvenuti ilhom iħallu l-vetturi sa minn mindu huma l-atturi xtraw il-post jigifieri fis-sena (1956). L-istess xhud pero` xehdet ukoll li huma qatt ma kellhom problemi man-nanniet ta' Borg, u saħansitra l-garaxx kien baqa' jintuża minn ħutha. L-attrici <u>Paola Sultana</u> ukoll xehdet fil-fatt li meta kien għad hemm in-nanniet tal-konvenuti ma kellhomx inkwiet. Mill-provi fil-fatt jirriżulta li l-ġenituri tal-konvenuti telqu minn Għawdex propju fl-1956, meta l-atturi xtraw il-post, u għalhekk dan ikompli jikkonferma li l-"inkwiet" beda **wara** li l-konvenuti u l-ġenituri tagħhom irritornaw Għawdex.

Importanti għalhekk li jiġi stabbilit eżattament **meta** rritornaw mill-Ingilterra l-ġenituri tal-konvenuti. Anthony Borg xehed li rritornaw fl-1969 meta kellu erba' snin, u ħuħ Carmelo Borg xehed li rritornaw fl-1969 meta kellu ħmistax-il sena. Oħthom Paola Xerri xehdet li l-ġenituri tagħha rritornaw fl-1974. Żewġha Mario Xerri jgħid li huma tgħarrsu fl-1969 u li żżewġu fl-1971. Spjega li fiż-żmien li żżewweġ lil Paola, il-ġenituri tagħha kien joqgħodu Għawdex iżda wara kienu reġgħu marru l-Ingilterra u wara xi żmien ("ma damux żmien twil") reġgħu ġew Għawdex. Aktarx għalhekk li meta Paola Xerri qalet li l-ġenituri tagħha ġew fl-1974, din kienet qed tirreferi għal meta ġew Għawdex it-tieni darba u qagħdu definittivament. Huwa ghalhekk ampjament ippruvat li l-ġenituri tal-konvenuti rritornaw Għawdex l-ewwel darba fl-1969, li kienet is-sena meta l-missier induna bil-bieb li fetħu l-atturi u bħala reazzjoni beda jimblokkah bil-karozzi.

Jirriżulta għalhekk li l-"inkwiet" bejn il-kontendenti fuq l-isqaq beda fl-1969. L-access tal-atturi mill-bieb tagħhom li jagħti għal fuq l-isqaq ilu jiġi ostakolat mill-1969, u cioe` wieħed u tletin (31) sena qabel ma ġiet istitwita din il-kawża fit-13 ta' Jannar 2000. Ifisser għalhekk li l-azzjoni tal-atturi hija estinta u din il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva

trentennali li qajmu l-konvenuti appellanti fl-istadju tal-appell.

[Din il-Qorti tagħmilha cara pero` illi bil-fatt li t-talbiet tal-atturi ser jigu michuda abbażi tal-preskrizzjoni estintiva sollevata mill-konvenuti appellanti fl-istadju ta' appell dan m'għandux jiġi interpretat mill-konvenuti appellanti bħala dikjarazzjoni li huma akkwistaw id-dritt ta' proprjeta` fuq l-isqaq in kwistjoni. Kif diġa` ġie spjegat *supra*, l-eżercizzju li kellha tagħmel u li fil-fatt għamlet din il-Qorti kien li tistabbilixxi jekk kinitx preskritta l-azzjoni tal-atturi u mhux li tistabbilixxi jekk il-konvenuti appellanti akkwistawx il-proprjeta` tal-isqaq bl-uzukapjoni.]

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeciedi dan l-appell billi tvarja u tirriforma s-sentenza appellata in kwantu:

(1) tiddikjara l-aggravju tal-appellanti bħala infondat peress li ma jirrizultax mill-provi li l-isqaq *de quo* kien jappartjeni lin-nannu tal-konvenuti appellanti bil-kuntratt tad-diviżjoni, u għalhekk tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti caħdet it-talbiet tal-konvenuti fil-kontro-citazzjoni.

(2) tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva trentennali sollevata mill-konvenuti appellanti u għalhekk tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attrici.

L-ispejjeż taż-żewġ istanżi għandhom jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet: nofs l-atturi solidament bejniethom u nofs il-konvenuti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------